32003R0325

21.2.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 47/21

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 325/2003

ta' l-20 ta' Frar 2003

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1291/2000 li jniżżel regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u esportazzjoni u l-iffissar tac-ċertifikati bil-quddiem għall-prodotti agrikoli

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ta' 30 ta' Ġunju fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif kien l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2000 [2], u partikolarment l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 13(11) tiegħu, u d-disposizzjonijiet korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 50(1) tar-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jniżżel regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [3], kif kien l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1253/2002 [4], jipprovdi li jekk il-perjodu taż-żmien ta' 60 ġurnata li l-prodotti jkunu jridu diġa telqu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità, kif hemm imniżżel fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jew sa ż-żmien ta' 30 ġurnata li l-prodotti bilfors iridu jitqiegħdu f'maħżen għall-ħżin ta' l-ikel, kif hemm imniżżel fl-Artikolu 40(1) ta' dak ir-Regolament, ma jiġux osservati, mela r-rifużjoni għandha titnaqqas bi 15 %, segwit b'aktar tnaqqis għal kull ġurnata li tgħaddi minn fuq iż-żmien konċernat.

(2) Barra dan, fejn dawn il-limiti taż-żmien jinqabżu, it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 [5], kif kien l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2299/2001 [6], jipprovdi għall-multa li tikkonsisti fil-konfiska ta' parti mill-garanzija ta' l-esportazzjoni tal-liċenzja, segwita b'konfiska ta' somm' oħra għal kull ġurnata li tgħaddi minn fuq iż-żmien konċernat.

(3) L-akkumulazzjoni tal-multi li jiġu imposti kemm fuq ir-rifużjoni kif ukoll fuq il-garanzija tal-liċenzja meta wieħed u l-istess perjodu ta' żmien jinqabeż hu ta' piż kbir fuq l-esportaturi u ma jidhrux indispensabbli. Ir-regoli għaldaqstant għandhom ikunu ssimplifikati, u l-multa msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 li tolqot il-garanzija tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni ma għandhiex tgħodd f'dawn il-każijiet.

(4) L-Artikolu 35 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 jsemmi li jekk il-liċenzja tintradd lill-korp tal-ħruġ ta' liċenzji matul l-ewwel żewġ terzi taż-żmien validu tagħha, l-ammont li jikkorispondi mal-garanzija li trid tiġi konfiskata jitnaqqas 40 %, u jekk il-liċenzja tintradd matul l-aħħar terz taż-żmien validu tagħha jew matul ix-xahar ta' wara d-data tal-għeluq, l-ammont li jikkorispondi għall-garanzija li trid tiġ kkonfiskata jitnaqqas b'25 %. Il-mekkaniżmu mdaħħal bl-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 hu maħsub sabiex jinkoraġġixxi lill-esportaturi jroddu l-liċenzji ta' esportazzjoni mhux użati mingħajr dewmien lill-korp ta' ħrug b'rifużjoni ffissata bil-quddiem ħalli jkun jista' jsir użu sħiħ mill-oportunitajiet ta' esportazzjoni għall-prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjoni.

(5) F'każijiet fejn hemm żidiet sostanzjali fir-rifużjoni, applikazzjoni tal-mekkaniżmu provdut fl-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 jista' jwassal għal spekulazzjoni sabiex jinkoraġġixxu l-esportaturi biex ma jagħmlux użu mil-liċenzji tagħhom u jrodduhom lura lill-korp tal-ħruġ jekk id-differenza bejn ir-rifużjoni l-ġdida li tista' tkun riċevuta għall-prodott konċernat u r-rifużjoni ffissati bil-quddiem għall-istess prodott huwa akbar mill-ammont tal-garanzija konfiskata. Għaldaqstant miżuri xierqa għandhom jittieħdu biex jipprevenu applikazzjonijiet mhux xierqa ta' dik id-disposizzjoni.

(6) L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, li jiffissa l-kwantitajiet massimi ta' prodotti agrikoli li l-liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni jew ċertifikati ffissati bil-quddiem mhemmx għalfejn ikunu preżenti taħt ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, għandu jkun aġġornat.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandha tkun emendata kif suppost.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni kollu konċernat

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. Is-subparagrafu li ġej hu miżjud ma' l-Artikolu 32(1):

"Il-garanzija ma għandhiex tkun konfiskata taħt it-tieni subparagrafu f'dawk il-każijiet ta' kwantitajiet għal-liema r-rifużjoni hija mnaqqsa skond l-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għan-nuqqas li ma jintlaħqux il-perentorji msemmijin fl-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 40(1) ta' dak ir-Regolament";

[1] ĠU L 181, 1.7.1992, p. 21.
[2] ĠU L 193, 29.7.2000, p. 1.
[3] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.
[4] ĠU L 183, 12.7.2002, p. 12.
[5] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.
[6] ĠU L 308, 27.11.2001, p. 19.

2. is-subparagrafi li ġejjin huma miżjuda mal-Artikolu 35(3):

"L-ewwel subparagrafu għandu jgħodd għajr meta jkun temporanjament sospiż. Fejn ir-rifużjoni għall-prodott wieħed jew aktar tiżdied, il-Kummissjoni, fil-waqt li taġixxi mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KE jew l-Artikoli korrispondenti tar-Regolament l-ieħor fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu għall-liċenzji applikati qabel ma jkun hemm iż-żieda fir-rifużjoni u mhux mrodda lura lill-korp tal-ħruġ sad-data ta' qabel iż-żieda.

Liċenzji mmroddijin taħt l-Artikolu 25 għandhom jitqiesu li ntraddu lura lill-korp tal-ħruġ f'dik id-data fejn dan ta' l-aħħar jirċievi applikazzjoni mil-liċenzjatur għar-rilaxx tal-ġaranzija";

3. L-Anness III għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' gurnata ta' wara li jkun ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjail ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd għal-liċenzji applikati minn meta jidħol fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"L-ANNESS III

Kwantitajiet massimi [1] **ta' prodotti għal-liema liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew ċertifikati ffissati bil-quddiem mhemmx għalfejn ikunu ppreżentati skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5(1) (previst importazzjoni jew esportazzjoni ma għandhomx isiru taħt xi arranġamenti preferenzjali suġġett għal xi liċenzja** [2]

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
A.	ĊEREALI U ROSS (Regolament (KE) Nru 1162/95) *Liċenzji ta' importazzjoni*:		
	0709 90 60 0712 90 19 0714 1001 10 1001 90 91 1001 90 99 1002 00 00 1003 00 1004 00 1005 10 90 1005 90 00 1007 00 90		5000
	1006 10 1006 20 1006 30 1006 40 00 1008 1101 00 11 1101 00 15 1101 00 90 1102 1103 1104 1106 20 1107 1108 1109 00 00 1702 30 51 1702 30 59 1702 30 91 1702 30 99 1702 40 90 1702 90 50 1702 90 75 1702 90 79 2106 90 55 2302 2303 10 2303 30 00	b'eċċezzjoni tas-subtestatura 1006 10 10 b'eċċezzjoni tas-subtestatura 1108 20 00 b'eċċezzjoni tas-subtestatura 2302 50	1000

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
	2306 70 00 2308 00 40 2308 10 00 ex 2309	Li jkollhom fihom lamtu, glukosju, maltodextrine, mistura tal-glukosju syrupor maltodextrine li jaqgħu taħt is-subtestatura 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib (3) ħlief preparazzjonijiet u oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom 50 % jew aktar bil-piż tal-prodotti tal-ħalib	
	Liċenzja ta' l-esportazzjoni bi jew mingħajr rifużjoni ffissata bil-quddiem:		
	0709 90 60 0712 90 19 0714 1001 10 1001 90 91 1001 90 99 1002 00 00 1003 00 1004 00 1005 10 90 1005 90 00 1007 00 90	b'eċċezzjoni tas-subtestatura 0714 20 10	5000
	1006 10 1006 20 1006 30 1006 40 00 1008 1101 00 11 1101 00 15 1101 00 90 1102 1103 1104 1106 20 1107 1108 1109 00 00 1702 30 51 1702 30 59 1702 30 91 1702 30 99 1702 40 90 1702 90 50 1702 90 75 1702 90 79 2106 90 55 2302 2303 10 2303 30 00	b'eċċezzjoni tas-subtestatura 1006 10 10 b'eċċezzjoni tas-subtestatura 1108 20 00 b'eċċezzjoni tas-subtestatura 2302 50	500 kg

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
	2306 70 00 2308 00 40 2308 10 00 ex 2309	Li jkollhom lamtu, glukosju, maltodextrine, glukosju syrupor mistura maltodextrine li taqa' ġewwa 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib (4) ħlief preparazzjonijiet u oġġetti ta' l-ikel li jkollhom fihom 50 % jew aktar bil-piż tal-prodotti tal-ħalib	
B:	ŻJUT U XAĦMIJIET: *Liċenzji ta' importazzjoni* (Regolament (KE) Nru 1476/95)		
	0709 90 39 0711 20 90 1509 1510 00 1522 00 31 1522 00 39 2306 90 19		100 kg
	Liċenzja ta' esportazzjoni bi jew mingħajr rifużjoni ffissata bil-quddiem (Regolament (KE) No 2543/95)		
	1509 1510 00		100 kg
C.	ZOKKOR (Regolamenti (KE) Nru 1464/95) *Liċenzja ta' importazzjoni*:		
	1212 91 20 1212 91 80 1212 99 20 1701 11 10 1701 11 90 1701 12 10 1701 12 90 1701 91 00 1701 99 10 1701 99 90 1702 20 10 1702 20 90 1702 30 10 1702 40 10 1702 60 10 1702 60 80 1702 60 95 1702 90 30 1702 90 60 1702 90 71 1702 90 80		2000
	1702 90 99 1703 10 00 1703 90 00 2106 90 30 2106 90 59		

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
	Liċenzja ta' esportazzjoni bi jew mingħajr rifużjoni ffissata bil-quddiem:		
	1212 91 20 1212 91 80 1212 99 20 1701 11 10 1701 11 90 1701 12 10 1701 12 90 1701 91 00 1701 99 10 1701 99 90 1702 20 10 1702 20 90 1702 30 10 1702 40 10 1702 60 10 1702 60 80 1702 60 95 1702 90 30 1702 90 60 1702 90 71 1702 90 80		2000
	1702 90 99 1703 10 00 1703 90 00 2106 90 30 2106 90 59		
D.	ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB *Liċenzja ta' importazzjoni* (Regolamenti (KE) Nru 2535/2001)		
	0401 0402 0403 10 11 to 0403 10 39 0403 90 11 to 0403 90 69 0404 0405 10 0405 20 90 0405 90 0406 1702 11 00 1702 19 00 2106 90 51 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 39 2309 10 59	Preparazzjonijiet tax-xorta użati fl-għalf ta' l-annimali;preparazzjonijiet u oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom prodottigħal-liema r-Regolament (KE) Nru 1255/1999 [5] jgħodd, direttament jew taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2730/75 [6], ħlief b'eċċezzjoni ta' preparazzjonijiet u oġġetti ta' ikel għal-liema Nru [7] a	150 kg

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
	2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 49 2309 90 59 2309 90 70		
	Liċenzja ta' esportazzjoni bi jew mingħajr rifużjoni ffissata bil-quddiem (Regolament (KE) Nru 174/1999)		
	0401 0402 0403 10 11 to 0403 10 39 0403 90 11 to 0403 90 69 0404 0405 10 0405 20 90 0405 90 0406 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 70	Preparazzjonijiet tax-xorta użati fl-għalf ta' l-annimali; preparazzjonijiet u oġġetti li jkun fihom prodotti għal-liema r-Regolament (KE) Nru 1255/1999 [5] jgħodd, direttament jew taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2730/75 [6], ħlief b'eċċezzjoni ta' preparazzjonijiet u oġġetti ta' l-ikel għal-liema r-Regolament (KEE) Nru 1766/92 [7] jgħodd	150 kg
E.	LAĦAM TAĊ-ĊANGA U VITELLA (Regolament (KE) Nru 1445/95) *Liċenzja ta' importazzjoni*:		
	0102 90 05 to 0102 90 79		Annimal wieħed
	0201 0202 0206 10 95 0206 29 91 0210 20 0210 99 51 0210 99 90 1602 50 10 1602 50 31 1602 50 39 1602 50 80 1602 90 61 1602 90 69		200 kg
	Liċenzja ta' esportazzjoni bl-iffissar tar-rifużjoni bil-quddiem:		
	0102 10 0102 90 05 to 0102 90 79		Annimali wieħed
	0201 0202 0206 10 95 0206 29 91		200 kg

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
	0210 20 0210 99 51 0210 99 90 1602 50 10 1602 50 31 1602 50 39 1602 50 80 1602 90 61 1602 90 69		
	Liċenzja ta' esportazzjoni mingħajr rifużjoni (l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1445/95)		
	0102 10 0102 90 05 to 0102 90 79		Disa' annimali
	0201 02 02 0206 10 95 0206 29 91 0210 20 0210 99 51 0210 99 90 1602 50 10 1602 50 31 1602 50 39 1602 50 80 1602 90 61 1602 90 69		2000
F.	LAĦAM TAN-NAGĦĠA U LAĦAM TAL-MOGĦŻA *Liċenzaja ta' importazzjoni* (Regolament (KE) Nru 1439/95)		
	0204 0210 99 21 0210 99 29 1602 90 72 1602 90 74 1602 90 76 1602 90 78		100 kg
	0104 10 30 0104 10 80 0104 20 90		Ħames annimali
G.	LAĦAM TAL-ĦANŻIR *Liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiemi* (Regolament (KE) Nru 1370/95)		
	ex 0203 ex 1601 ex 1602		250 kg
	0210		150 kg

Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)			Kwantità netta
H.	LAĦAM TAT-TAJR *Liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiem u liċenzja ta' esportazzjoni ta' wara* (Regolament (KE) Nru 1372/95)		
	0105 11 11 9000 0105 11 19 9000 0105 11 91 9000 0105 11 99 9000		4000
	0105 12 00 9000 0105 19 20 9000		2000
	ex 0207		250 kg
I.	BAJD *liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiem u liċenzja ta' esportazzjoni ta' wara* (Regolamnet (KE) Nru 1371/95)		
	0407 00 11 9000		2000
	0407 00 19 9000		4000
	0407 00 30 9000		400 kg
	0408 11 80 9100 0408 91 80 9100		100 kg
	0408 19 81 9100 0408 19 89 9100 0408 99 80 9100		250 kg
J.	ŻRIERAGĦ *Liċenzja ta' importazzjoni* (Regolament (KEE) Nru 1119/79)		
	1005 10 11 to 1005 10 19 1007 00 10		100 kg
K.	INBID (Regolament (KE) Nru 883/2001) *Liċenzja ta' importazzjoni*		
	2009 61 2009 69		3000
	2204 10 2204 21 2204 29 2204 30		30 hl
	Liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiem:		
	2009 61 2009 69		10 hl
	2204 21 2204 29 2204 30		10 hl

	Prodotti (Kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda)		Kwantità netta
L.	FROTT U ĦAXIX *liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiem* (Regolament (KE) Nru 1961/2001)		
	ex 0702 00 0802 0805 0806 10 10 0808 0809		300 kg
M.	PRODOTTI PROĊESSATI MINN FROTT U ĦAXIX *Liċenzja ta' esportazzjoni bir-rifużjoni ffissata bil-quddiem* (Regolament (KE) Nru 1429/95)		
	0806 20 ex 0812 2002 ex 2006 00 ex 2008 ex 2009		300 kg

(1) Kwantitajiet massimi ta' prodotti li jistgħu jiġu impurtati jew esportati mingħajr liċenzja, li tikkorispondi għas-subtestatura b'nomenklatura magħquda (NM) bit-tmien figuri u, subtestatura ta' tnax-il figura taħt in-nomenklatura ta' esportazzjoni bir-rifużjoni għall-prodotti agrikoli.

(2) Per eżempju, il-kwantitajiet indikati f'dan id-dokument ma jkoprux importazzjonijiet taħt kwotas kwantitattivi jew arranġamenti preferenzjali, għal-liema liċenzji għall-kwantitajiet kollha huma dejjem meħtieġa. Il-kwantitajiet indikati hawnhekk jirreferu għall-importazzjonijiet taħt arranġamenti normali i.e. bil-ħlas tad-dazju kollu u mingħajr kejl fuq il-kwantitajiet

(3) Għall-għanijiet ta' din is-subtestatura, 'prodotti tal-ħalib' tfisser prodotti li jaqgħu ġewa l-intestatura 0401 sa 0406 u s-subtestatura 1702 10 u 2106 90 51.

(4) Għall-għanijiet ta' din is-subtestatura, 'prodotti tal-ħalib' tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 0401 sa 0406 u s-subtitolu 1702 10 u 2106 90 51.

(5) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48.

(6) ĠU L 281, 1.11.1975, p. 20.

(7) ĠU L 181, 1.7.1992, p. 21."